MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2012

Numru. 320/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**

**KONTRA**

**SIMON MERCIECA ta' 44 sena, iben Carmelo u Jane nee' Pace, imwieled tal-Pieta' nhar it-30.01.1968, residenti fil-fond Maria Bambina, Triq il-Kajjik, Marsaxlokk, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 87368M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Simon Mercieca** li gie akkuzat talli:

1. F'dawn l-ahhar xhur, ingurja jew hedded lil WPC 204 Marika Bugeja, persuna nkarigata skond il-Ligi minn

servizz pubbliku, waqt illi ghamlet jew minhabba li tkun ghamlet dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghha jew jinfluwixxi fuqha kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' WPC 204 Marika Bugeja, weggaghha bi kliem, u dan bi ksur tal-Artikolu 252 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, uza network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li gie fornut ghalih, jew traskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella uzah b'mod mhux kif imiss;

4. U aktar talli ghamel lil WPC 204 Marika Bugeja ingurji jew theddid bi ksur tal-Artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li moqrija l-istess, huwa wiegeb illi ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat ukoll illi hu ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji, kif ukoll il-kunsens ta' l-Avukat Generali ezebit.

Rat ukoll l-atti kollha tal-kawza, senjalament rat id-digriet taghha ta' liberazzjoni minn kull reat ta' kompetenza ta' Qorti Istruttorja (folio 73 – 74). Rat ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fejn din il-Qorti kkonfermat id-digriet.

Rat ukoll il-verbal tal-Prosekuzzjoni fejn irtirat l-akkuzi dedotti taht l-Artikolu 35 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, ghalhekk l-akkuzi li baqghu in ezami huma l-ewwel, it-tieni, u r-raba' akkuza.

Semghet il-provi kollha.

Ikkunsidrat illi din il-kawza hija rizultat ta' ittra li baghat l-akkuzat, jilmenta dwar agir ta' Kuntistabbli u zewg e-mails li qieghed fuq is-sistema tal-Pulizija OPRES dwar l-istess, Dok SG folio 48; Dok JA u Dok JA1 folio 70 – 73. Frankament ingabu xhieda li ma tefghu ebda dawl fuq l-akkuzi, u nhela hafna zmien b'verbali u mistoqsijiet inutli, u xejn relevanti ghall-kaz.

Jirrizulta mix-xhieda tal-kwerelanta li hija Kuntistabbli addetta fid-Distrett taz-Zejtun, anzi stazzjonata fl-Ghassa taz-Zejtun, li ommha u missierha kellhom kawza kontra l-imputat li kienet qed tinstema' mill-Magistrat assenjat li jisma' bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali dan id-distrett. Fil-kors tas-smiegh ta' din il-kawza, ghaliha kienet anke prezenti l-Kuntistabbli WPC 204 Marika Bugeja. Xehdet hi u l-Ispettur Agius, li kienet fl-Awla ghax kellha tixhed f'kawzi ohra hemm mismugha. Jirrizulta illi waqt is-smiegh tal-kawza tal-genituri taghha, stante l-kwerela, il-Qorti staqsiet lill-genituri kinux qed jahfru lill-imputat, jidher illi hawn il-Kuntistabbli kellmet lill-genituri taghha jew avvicinathom. L-akkuzat Mericeca dan interpretah bhala ndhil minn naha taghha, u komportament xejn etiku in vista' li kienet hemm f'posizzjoni ufficjali ta' pulizija, u ghalih tat assistenza lill-genituri taghha. Din l-istess interpretazzjoni waslet ghaliha wkoll Antoinette Schembri, il-partner ta' l-imputat li kienet qed issegwi l-kawza minn wara l-bieb ta' l-Awla.
La l-imputat u lanqas Schembri ma semghu d-diskors li ntqal bejn il-Kuntistabbli u l-genituri taghha.

Saru lmenti ohrajn minn naha ta' l-akkuzat kemm fl-ittra, fl-e-mails, u meta ha l-pedana, illi kien hemm anke tbaghbis bir-riferti u kif instemghu l-kawzi, allegazzjonijiet issa mhux biss kontra WPC 204 Marika Bugeja, imma li nvolvew aktar membri tal-Korp tal-Pulizija. Fl-istess e-mails, f'wahda minnhom anke nsibu li l-akkuzat jallega li l-familja tal-Kuntistabbli huma parenteli b'mod intimu ma' kriminali.

Xhud saljenti kien is-Supritendent Paul Caruana dwar is-sistema OPRES gia' msemmija. Spjega li din kienet sistema on-line kif il-pubbliku interacts mal-pulizija. Fuqha

jista’ jaghmel rapporti, jitlob informazzjoni, jaghti nformazzjoni, jikkritika jew ifahhar il-pulizija. Qal illi n-nies li jahdmu go CRMU ghandhom access ghar-rapporti u lmenti. Spjega wkoll illi l-access ghal dawn ir-rapporti huwa skond is-sections partikolari. Ikkonferma li d-dokumenti JA u JA1 kienu fil-fatt e-mails mibghuta fuq din is-sistema.

Xehed ukoll l-Ispettur Kenneth Haber dwar il-fatt illi kien hu li kien investiga l-allegazzjonijiet fuq WPC 204 u dawn irrizultawlu nfondati.

Ikkunsidrat:

Illi verament jidher b’mod lampanti li l-akkuzat, ghalkemm persuna ta’ intelligenza, anke tenut kont ta’ xogholu, ftit ghandu know-how ta’ kif jimxu l-kawzi, u jasal malajr ghal kongetturi u konkluzjonijiet, specjalment meta jimputa kolluzjoni bejn il-Qorti u l-pulizija ta’ liema kawza ghandha ssir u tinstema’ l-ewwel – qisu ghall-Qorti dan jista’ jaghmel xi differenza!!

Pero din il-Qorti tissimpatizza mieghu ghall-fatt ta’ kif inhargu r-riferti fil-konfront tieghu, specjalment meta kien hu x-xhud principali kontra WPC 204. Daqstant iehor pulizija ma jidhrux tajjeb u jaghtu mpressjoni hazina meta jintervjenu biex ikellmu anke bl-aktar mod innocenti, qraba nvoluti f’kawza li qed tinstema’. Xejn ma jghin dan biex il-gustizzja tidher li qed issir, ghax din trid tidher anke fl-andament tal-Prosekuzzjoni!

Issa Simon Mercieca, avvanza l-ilmenti tieghu b’ittra prezumibbilment mibghuta lill-Kummissarju tal-Pulizija, dan drittu u sussegwentement uza sistema appozita ghall-ilmenti - sistema li qieghda wkoll ghal dan l-iskop. Frankament hu vanta l-ilmenti tieghu kontra WPC 204 u s-sistema, ghax hekk emmen li kien qed jigri. Minn imkien ma jirrizulta li dan b’xi mod hedded, influwixxa, jew bezza’ lil WPC 204, jew weggaghha bi kliem. Anzi qablu t-tnejn li huma li dawn bejniethom qatt ma tkellmu. Frankament anke jekk WPC 204 hassitha urtata bl-azzjonijiet ta’ Mercieca, dan forsi anke b’diskors zejjed u tant kongetturi,

ressaq l-ilmenti tieghu. Din giet investigata u kontra taghha ma rrizulta xejn – ghalhekk il-process demokratiku u guridiku (f’dan il-kaz) kien ben salvagwardjat.

Xejn izjed m’ghandha x’izzid din il-Qorti, hlief li qed tillibera lil Simon Mercieca mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------